MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Mandat Numru. 26/2009/1

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu r-rikorrent B ippremetta:

Illi l-esponent għadu kif ġie notifikat b’mandat fl-ismijiet premessi kopja ta’ liema mandat qiegħed jiġi anness u mmarkat Dok. S.

Illi b’effett ta’ dan il-mandat qed tiġi sekwestrata l-paga kollha li l-esponent jirċievi mill-Water Services Corporation peress illi hija ġiet notifikata bħala sekwestratarju.

Illi *nonostante* illi fil-mandat li ġie notifikat lil Water Services Corporation ġiet indikat illi l-ammont sekwestrabbli huwa dak li jeċċedi €698.91 fix-xahar dawn qed isostnu li m'għandhom jagħtuh xejn mill-paga.

Illi apparti minn hekk l-esponent irid iħallas €116 fix-xahar bħala manteniment lil martu skond il-kuntratt ta' separazzjoni relattiv.

Illi apparti minn hekk l-esponent huwa wkoll marid serjament kif jirriżulta mill-anness ċertifikat mediku (Dok M).

Illi l-artikolu 382 tal-Kap. 12 jgħid is-segwenti:

382. (1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew *allowance* msemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali, meta dawk jeċċedu €698.81 fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:

Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa jkollu bżonn dak l-aċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-Qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett sa fejn ikun ġie revokat.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) tillimita l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi fis-sens illi tawtorizza lill-esponent jiżbanka mill-paga tiegħu somma ogħla minn €698.81 fix-xahar minħabba r-raġunijiet fuq spjegati, jew alternattivament,

ii) tordna lil Water Services Corporation sabiex tirrilaxxja €698.81 mis-salarju dovut għax-xahar ta' Jannar

2009 u kull salarju sussegwenti kif u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta' l-intimata ppreżentata fis-27 ta' Frar 2009, li permezz tagħha esponiet:

Illi permezz tar-rikors tiegħu pprezentat fis-17 ta' Frar 2009, B qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

(1) tawtorizza lill-esponent jiżbanka mill-paga tiegħu somma ogħla minn €698.81 fix-xahar minħabba raġunijiet imsemmija fir-rikors tiegħu, jew alternattivament

(2) tordna lil Water Services Corporation sabiex tirrilaxxja €698.81 mis-salarju mensili tiegħu.

Illi dwar it-tieni talba l-esponenti m'għandhiex oġġezzjoni u dan peress li tali rikjesta hija skond il-liġi u tirrifletti dak li ntalab fil-mandat ta' sekwestru *de quo*. Jingħad pero' illi jekk huwa minnu li l-Water Services Corporation issekwestrat il-paga kollha tar-rikorrenti meta l-istess mandat jipprovdi illi l-ewwel €690.81 [*recte* €698.81] mis-salarju mensili m' għandux jiġi sekwestrat, hija l-Korporazzjoni li għandha tirrispondi għal dan in-nuqqas u mhux l-esponenti. Fil-fatt il-Korporazzjoni msemmija u ma ġietx notifikata bir-rikors ta' B u l-esponenti ma hiex f'pożizzjoni li tivverifika r-raguni għal dak allegat mir-rikorrent.

Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrent biex is-somma mhux sekwestrabbli ta' €698.81 fix-xahar tiġi awmentata, l-esponenti topponi bil-qawwa kollha tali talba. Fl-ewwel lok jiġi osservat illi r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar id-dħul mensili tiegħu.

*Inoltre*, għalkemm ir-rikorrenti jgħid li huwa marid serjament pero' ma ġab l-ebda prova li tali marda qed tirrekalu xi spejjeż straordinarji u dan probabbilment peress li l-kura medika kollha qed jirċeviha b'xejn mill-isptar statali. Apparti minn hekk l-unika spiża oħra li semma hija s-somma miżera ta' €116.00 fix-xahar bħala manteniment.

Ma ġab l-ebda prova r-rikorrent illi huwa għandu bżonn aktar minn €698.81 fix-xahar għal manteniment tiegħu jew tal-familja tiegħu. Jingħad ukoll illi r-rikorrenti u l-esponenti huma separati u l-ulied komuni tagħhom jgħixu ma' l-esponenti.

Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti tissottometti bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Semgħet lir-rikorrent;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jitlob li jiżbanka somma ogħla minn dak indikat fl-artikolu 382 tal-Kap. 12 in segwitu għall-mandat ta' sekwestru msemmi. Madanakollu kif sewwa rrimarkat l-intimata biex il-Qorti tilqa' dik it-talba d-debitur irid jissodifaha illi għandu bżonn il-flus għall-manteniment tiegħu u tal-familja tiegħu. Jirriżulta li huwa għandu ċirka elf Ewro (€1,000) fix-xahar bħala salarju u huwa obbligat iħallas mija u sittax-il Ewro (€116) fix-xahar bħala manteniment. Għalhekk l-ammont sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) kopert mill-Liġi jħallilu biżżejjed biex imantni lilu nnifsu.

Rigward it-tieni talba kif sewwa kkonċediet l-intimata din għandha tintlaqa' għaliex tirrispekkja dak li trid il-Liġi.

**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti iżda tilqa' t-tieni talba tiegħu u tordna lil Water Services Corporation biex tirrilaxxa sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) mis-salarju dovut b'effett mix-xahar ta' Jannar 2009 u kull salarju ta' wara; spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------